MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Numru 324/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**
v

**MARIO AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO AGIUS** ta' disgha w ghoxrin sena, bin Guido u Guditta nee Caruana, imwieled Pieta` nhar it-tmienja ta' Mejju 1997 u residenti 15, Triq Dar il-Bebbux, Hal Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita` numru 251277M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 2006 u matul l-ahhar erbgha xhur ta' qabel din d-data;

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101

tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni jew ghal uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghal Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;

c. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni jew ghal uzu ta’ persuna jew persuni minghajr

ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghal importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi skur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza u dan bi skur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta [ecstasy] meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

f. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kkommetta dawn r-reati f'post, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh jew r-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amminstrazzjoni jew f'li offra li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, lil mara tqila, lil minuri jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-droga ai termini tal-artikolu 22(2) sub inciz II tal-Kap 101 tal-Ligjiet ta’ Malta;

g. Talli sar recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-ghoxrin ta’ Jannar

2006 mill-Magistrat Dottor Silvio Meli, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna [fol 30 et seq].

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta’ Awissu 2006 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) markat bhala dokument CSH 2 a fol 8 tal-atti processwali, l-Fiat tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta’ Awissu 2006 ai termini tal-artikolu 120A, sub artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha [Kap 31] esibit bhala dokument CSH 3 a fol 9 tal-atti, sabiex din il-kawza tinstemgha quddiem il-Qorti bhala wahda ta' gudikatura kriminali, kif wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Awissu 2006 esibita wkoll fl-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar t-tletin ta' Awissu 2006 [fol 10] w ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tletin ta’ Awissu 2006 [fol 4] u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Illi fuq talba tal-istess imputat sabiex jithejja *pre sentencing inquiry report* dwar, il-Qorti laqghet tali talba w innominat ghal dan l-ghan lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta b'digriet taghha tat-tletin ta' Awissu 2006.

Illi permezz ta' nota ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tlettax ta' Settembru 2006, s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta talbet lil Qorti sabiex jinhatar ufficjal iehor minhabba li hi ma kienetx f'posizzjoni li taghmel tali rapport.

Illi b'digriet tat-tlettax ta' Settembru 2006 il-Qorti ordnat li tali nota tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jindika ufficjal iehor li jissostitwixxi li s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta mill-aktar fiss possibbli.

Illi l-Qorti giet infurmata permezz ta' nota ppresentata mis-Senior Probation Officer Mariella Camilleri li kien gie nominat l-Probation Officer Trevor Calafato f'dan il-kaz [fol 25].

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehed l-Ispizjar Godwin Sammut** u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala document MNL [fol 39].

Illi minn ezami tal-istess, l-Ispjzjar Godwin Sammut ikkonkluda li fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 58_06_01 instabet s-sustanza Eroina. Illi l-piz tat-trab kien ta' 2.23grammi u l-purita kienet ta' cirka 38%. Illi din s-sustanza hija kontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nhar t-tmienja ta' Novembru 2006 deher l-**Probation Officer Trevor Calafato** li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument PSIR [fol 106 et seq].

Illi l-Ufficjal tal-Probation fir-rakkomandazzjoni tieghu ssuggerixxa li l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja nkluza rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex tul z-zmien ta’ karcerazzjoni, l-imputat jinghata l-opportunita li jsegwi program ta’ riabilitazzjoni kontra d-droga.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita bhala dokument CSH 1 a fol 6 tal-atti minn fejn jirrizulta li hemm hames reati registrati fuqha li jirrisalu sa mis-sena 1995 dwar hebb w attack fuq persuna nkarigata minn servizz pubbliku u xi reati kontra l-Orindanza tat-Traffiku u dik tal-Ambjenti apparti xi kontravenzjonjijiet ta’ portata zghira.

Il-Qorti qabel xejn tirrebadixxi li r-reat ta' traffikar huwa reat serju u jgorr mieghu nvarjabilment piena karcerarja. Dan jghodd wkoll ghal min jqassam d-droga sabiex jikkoltiva ossia jissodisfa l-vizzju tieghu. Persuna li tiddependi fuq id-droga, ghandha tipprova tikkura ruhha u mhux tittraffika d-droga bi hsara rreparabbli lis-socjeta.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Bejn r-reat ta' traffikar u dak ta' pussess jezisti f'dan il-kaz, in-ness tal-mezz ai fini skond l-paragrafu (h) tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk wiehed ghandu jimxi fuq il-piena ghar-reat l-aktar gravi li hu dak ta' traffikar.

Ghal dan r-reat ta' traffikar u r-reat inqas gravi ta' pussess ta' droga, japplika d-disposizzjoni tal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti nnutat wkoll li l-imputat m'ghandux jibbenefika mid-disposizzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex ma kixifx s-sors minn fejn kien ottjena d-droga w ghalhekk ma thossx li ghandha tkun daqstant klementi mieghu u fil-fatt ser tilqa r-rakkomandazzjoni tal-probation officer biex tapplika piena karcerarja.

Dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat;

2. Il-koperazzjoni tal-imputat sa mill-bidu neta meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu;

3. L-ammont zghir ta' droga misjuba ghand l-imputat; u

4. Il-fedina penali tal-imputat li mhux daqstant riflettarja u li n-natura tal-akkuzi li tieghu nstab hati mhux daqstant gravi.

Pero minn naha l-ohra il-Qorti tqis li r-reat odjern li tieghu din il-Qorti qed issibu hati, bhala wiehed serju hafna u li qed jirrovina s-socjeta Maltija.

Illi ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 49, 50 u 533 tal-Kap 9, l-artikoli 8(a)(c)(d), 22(2) tal-Kap 101, l-artikolu 120A(2) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-G.N. 292/1939 kif emendat, **tiddikjara li issib lill-imputat MARIO AGIUS hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tikkundannah ghal sentejn [2] prigunerija effettiva mill-lum oltre li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt [500] lira maltin.**

**Il-Qorti, qed taghti l-fakulta lil imputat bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imsemmija multa tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin [25] lira maltin u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta bl-ewwel pagament ikun dovut**

**sa mhux aktar tard mill-wiehed u tletin [31] ta' Jannar 2007.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-espert nominat Godwin Sammut [fol 44] fl-ammont ta' mija disgha w erbghin lira maltin u sitta w tmenin centezmu [LM 149.86] u dan fi zmien sitt [6] xhur mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita ta' Kordin sabiex jaghti kull ghajnuna mitluba mill-imputat f'kull hin li jkollu bzonn dwar il-problema li hu ghandu ghat-tehid tad-droga.

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga esibita bhala dokument KB 296/06 w ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------